

Brussell, 29 ta' Jannar 2018
(OR. en)

5584/18

TRANS 32
FIN 60

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5300/18 TRANS 14 FIN 42	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Sistema Ewropea unika tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju: l-għażla politika qatt se ssir realtà?" – Konklużjonijiet tal-Kunsill (29 ta' Jannar 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Sistema Ewropea unika tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju: l-għażla politika qatt se ssir realtà?" adottati mill-Kunsill fit-3593 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Jannar 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2017

tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Sistema Ewropea unika tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju:

l-għażla politika qatt se ssir realtà?

IL-KUNSILL

- 1) JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 13/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: *Sistema Ewropea unika tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju: l-għażla politika qatt se ssir realtà?*, u JISSOTTOLINJA li l-promozzjoni tal-ERTMS hija element essenzjali tal-politika tat-trasport tal-Unjoni.
- 2) IFAKKAR li l-ERTMS jirfed il-ħolqien taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, li hija proġett fundamentali Ewropew fejn l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra diġà għamlu sforzi kbar, filwaqt li JIRRIKONNOXXI li t-tħaddim tal-ERTMS sar bil-mod u għalhekk tinħtieġ aktar ħidma mill-partijiet ikkonċernati kollha.
- 3) JENFASIZZA l-benefiċċji pożittivi ambjentali, soċjali, ekonomiċi, kif ukoll ta' sikurezza li t-tħaddim aktar mgħaġġel tal-ERTMS jista' jikseb; IFAKKAR li l-iżvilupp tal-ferrovija bħala mezz ta' trasport aktar kompetittiv u t-tħeġġiġ tal-bidla modali mit-trasport bit-triq għal dak bil-ferrovija huma elementi ċentrali tal-politika tat-trasport tal-Unjoni.
- 4) JILQA' l-valutazzjoni tal-Qorti li tikkonferma l-valur tal-ERTMS bħala s-sistema ta' sinjalar universali fl-Ewropa.
- 5) JAQBEL mal-Qorti li l-ERTMS għandha l-potenzjal li ttejjeb il-kapaċità u l-veloċità tat-trasport ferrovjarju u meta titħaddem bis-sħiħ, din ser tagħmel is-settur ferrovjarju aktar kompetittiv meta mqabbel ma' mezzi oħra ta' trasport.

- 6) JIEĦU nota li saru kontribuzzjonijiet reċenti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ewlenin għat-tħaddim tal-ERTMS, speċjalment fl-2016 u l-2017:
- (i) L-adozzjoni tal-pilastru tekniku tar-raba' pakkett ferrovjarju, li jsaħħaħ ir-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) bħala l-awtorità tas-sistema għall-applikazzjoni armonizzata tal-ERTMS;
 - (ii) Bil-ħarsien tal-ispeċifikazzjonijiet funzjonalment kompluti u stabbli tal-Linja bażi 3, bl-investimenti sinifikanti fit-tħaddim tal-Linja bażi 2;
 - (iii) Id-dikjarazzjoni tal-Ministri "Kurituri tal-merkanzija bil-ferrovija biex jagħtu spinta lit-trasport internazzjonali tal-merkanzija", adottata fil-21 ta' Ġunju 2016 f'Rotterdam, li tteġġeġ l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Bordijiet Eżekuttivi u l-Bordijiet ta' Amministrazzjoni biex jissinkronizzaw l-introduzzjoni tal-ERTMS rilevanti għall-Kurituri tal-Merkanzija bil-Ferrovija u li tappoġġa djalogu kontinwu mal-impriżi ferrovjarji;
 - (iv) Il-Pjan Ewropew għall-Mobilitazzjoni (EDP) tal-ERTMS tal-5 ta' Jannar 2017 jistipula d-dati ewlenin¹ sa meta s-sezzjonijiet prinċipali tal-Kurituri tan-Netwerk Ewlieni għandhom ikunu mgħammra;
 - (v) Il-pubblikazzjoni ta' "*Il-kisba ta' ERTMS effettiva u interoperabbli – it-triq 'il quddiem*" mill-Kummissjoni², li ssemmi l-passi għall-partijiet ikkonċernati fit-trasport ferrovjarju biex jiġu indirizzati l-ostakoli għall-implimentazzjoni tal-ERTMS u biex tinkiseb l-interoperabbiltà tal-ERTMS.
- 7) JENFASIZZA li l-ERTMS tista' ssir pedament fid-diġitalizzazzjoni tas-settur ferrovjarju u li hija essenzjali għall-kisba ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u partijiet interessati oħra biex jiffaċilitaw l-aċċellerazzjoni tal-istandardizzazzjoni tal-unitajiet abbord biex titrawwem it-tnedija effettiva tal-ERTMS. JINNOTA li tinħtieġ aktar attenzjoni fil-livell Ewropew u dak nazzjonali u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet li għandhom impatt fuq l-interoperabbiltà, pereżempju l-istandardizzazzjoni tar-regoli operazzjonali u r-regoli tal-inġinerija.

¹ Id-dati kollha lil hinn mill-2023 ser ikunu soġġetti għal rieżami sal-31 ta' Diċembru 2023 fir-rigward tal-medda ta' żmien definita fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013

² SWD(2017)375/F1

- 8) JAQBEL mal-Qorti dwar il-ħtieġa li jiġi analizzat, fil-kuntest tat-tħejjija tal-pilastru tekniku tar-raba' pakkett ferrovjarju, jekk l-ERA għandhiex ir-riżorsi meħtieġa, il-kapaċitajiet amministrattivi u ta' ġestjoni tal-programm biex taġixxi bħala awtorità ta' sistema effiċjenti u effettiva u tissodisfa ir-rwol u r-responsabbiltajiet imsaħħa tagħha dwar l-ERTMS previsti fir-Raba' Pakkett Ferrovjarju, inkluż il-ġestjoni ta' korrezzjonijiet ta' żbalji għall-ispeċifikazzjonijiet tal-ERTMS u l-iżgurar tal-istabbiltà tal-ispeċifikazzjonijiet.
- 9) JENFASIZZA l-ħtieġa li tinkiseb sistema interoperabbli ta' sinjalar u kontroll fl-Unjoni kollha u JIRRIKONOXXI li l-benefiċċji jistgħu jkunu konsiderevoli jekk jiġu indirizzati kwistjonijiet bħat-tnaqqis tal-ispejjeż u t-tnaqqis fil-kumplessità tas-sistema.
- 10) JAQBEL mal-Qorti dwar il-ħtieġa li jinkisbu l-kompatibbiltà u l-istabbiltà tas-sistema, għalhekk JENFASIZZA l-ħtieġa għall-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-industrija tal-provvista, li jappoġġaw il-forniment ta' soluzzjonijiet u sottosistemi ta' kwalità għolja u totalment standardizzati biex jiġu evitati korrezzjonijiet u spejjeż addizzjonali.
- 11) JINNOTA li d-dekummissjonar ta' sistemi ta' sinjalar nazzjonali jistgħu jġibu l-benefiċċji ta' sistema unika mifruxa mal-UE kollha u li l-ippjanar tagħha għandu jqis miri realistiki u koordinati, filwaqt li jqis is-sitwazzjoni individwali ta' kull Stat Membru u jirrifletti ċ-ċiklu tal-ħajja tal-investimenti riċenti.
- 12) JIRRIKONOXXI li l-vijabbiltà ekonomika individwali tal-partijiet ikkonċernati individwali tista' tvarja (peress li l-ispejjeż u l-benefiċċji jistgħu jkunu inċerti u jistgħu jiġu allokat i b'mod mhux uniformi), u għalhekk JENFASIZZA l-utilità ta' aktar skambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-istima tal-benefiċċji assoċjati ma' proġetti individwali tat-tħaddim tal-ERTMS.
- 13) JIRRIKONOXXI r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ħtieġa li l-ppjanijiet nazzjonali għall-mobilitazzjoni jkunu allinjati ma' xulxin, b'mod partikolari, fejn iskadenza tidher fl-aħħar EDP.

- 14) JAPPELLA lill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex jiżviluppaw sistema ta' monitoraġġ flimkien ma' stadji importanti ċari għat-tħaddim tal-ERTMS fin-netwerk tat-TEN-T.
- 15) JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex irawmu t-tħaddim sinkronizzat tal-ERTMS bi skadenzi ċari, b'mod partikolari għal proġetti transkonfinali u tal-Kurituri tan-Netwerk Ewlieni sabiex jiġi evitat tħaddim frammentat tal-ERTMS u jinholq netwerk operazzjonali tal-ETCS fl-UE kollha, li jappoġġa operazzjonijiet aktar effiċjenti tal-Impriża Ferrovjarja.
- 16) JISSOTTOLINJA li l-ERTMS teħtieġ integrazzjoni bejn l-ERTMS tagħmir abbord u maġenb il-binarji, li tirrikjedi bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-intrapriżi ferrovjarji u dawk tal-amministraturi tal-infrastruttura u JENFASIZZA l-importanza li tinstab soluzzjoni għall-inkompatibilitajiet bejn l-unitajiet maġenb il-binarji u dawk abbord.
- 17) JENFASIZZA li soluzzjonijiet affidabbli u kosteffikaċi għal tagħmir abbord tal-ETCS għal twaħħil ta' tagħmir apposta mal-vetturi ferrovjarji kollha huma prekondizzjoni essenzjali għall-migrazzjoni lejn l-ERTMS u JINKORAĠĠIXXI l-iżvilupp ta' proċess armonizzat fuq livell Ewropew għall-ittestjar u l-approvazzjoni ta' unitajiet abbord il-vetturi.
- 18) JIRRIKONOXXI l-konklużjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li hemm ħtieġa għal iffukar aħjar tal-fondi tal-UE disponibbli għal proġetti tal-ERTMS, kemm għal programmi ta' ġestjoni konġunta u dawk ta' ġestjoni diretta:
 - (a) meta allokat għal tagħmir maġenb il-binarji, enfasi fuq is-sezzjonijiet transkonfinali u l-kurituri tan-netwerk ewlieni mingħajr ma jiġu esklużi mill-finanzjament tal-UE investimenti oħra, bħal proġetti ta' tagħmir maġenb il-binarji barra s-sezzjonijiet transkonfinali u l-kurituri tan-netwerk ewlieni;
 - (b) meta allokat għal tagħmir abbord, enfasi fuq l-operazzjonijiet ta' traffiku internazzjonali.

- 19) JAQBEL mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ħtieġa li jiġu adattati l-proċeduri ta' finanzjament tas-CEF sabiex jirriflettu aħjar iċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġetti tal-ERTMS.
 - 20) IFAKKAR li l-Qorti estrapolat li l-ħtiġijiet ta' investiment għat-tħaddim tal-ERTMS, flimkien max-xogħlijiet assoċjati meħtieġa għall-kurituri tan-netwerk ewlieni, sal-2030 jista' jitla' sa € 80 biljun u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jevalwaw l-ispiża ġenerali għat-tħaddim tal-ERTMS fl-Unjoni kollha.
 - 21) JENFASIZZA li diversi mekkaniżmi finanzjarji għat-tħaddim tal-ERTMS ser ikomplu jkunu meħtieġa fil-livell Ewropew u dak nazzjonali, u JINKORAĠĠIXXI wkoll l-użu akbar tal-istrumenti finanzjarji mmirati għat-tħaddim tal-ERTMS fejn xieraq.
-